

# Tislima lil George Camilleri

*Hon. CSL Joe Galea*



Fl-10 ta' Frar il-poplu Marsi attenda bi ħġaru għall-funeral dinjituż, mhux tas-soltu u dan bir-raġun.

Kienet tislima xierqa u mistħoqqa lil bniedem li tul ħajtu kollha kien ta' għajnuna u ta' eżempju għal kulħadd; fil-familja li tant ħabb, fuq il-post tax-xogħol u fil-Moviment tal-Iscouts, b'mod speċjali fil-Marsa Scout Group. George Camilleri kien persuna li tgawdi rispett kbir.

Dan kollu xehduh in-numru kbir ta' nies li ġew minn bosta nħawi minn madwar Malta għall-quddiesa *presente cadavere* li saret fil-knisja tas-Ssma. Trinità l-Marsa, fejn twassal permezz ta' korteo mmexxi mill-Marsa Scout Group biż-żewġ baned tagħha; Group li fiha għamel aktar minn 50 sena. Din il-Group, 40 sena minnhom, għamlithom taħt it-tmexxija tiegħu flimkien ma' Scouters oħra li ġew matul is-snin. George beda l-ħajja tiegħu fl-Iscouts bħala Cub Scout mal-Ħamrun Group fejn baqa' tiela' sa Scouter u wara ngħaqad mal-Group tal-Iscouts tal-Marsa sa mewtu.

## Bijografija

George beda bħala Wolf Cub mal-Ħamrun Scout Group u fi ftit xhur sar Sixer biex aktar tard, fis-sena 1937, għadda mat-Troop fejn kellu l-isbaħ żmien tiegħu, l-aktar meta sar Patrol Leader. Kien aktar 'il quddiem fejn għamel diversi ħidmiet ta' servizz bħala Scout fiż-żmien tal-gwerra u għal dan ix-xogħol volontarju ġie mogħti n-*National Service Badge* kif ukoll il-*Bronze Cross Medal*. Fl-1945 ġie appuntat Assistant Scout Master. Fl-1946 saritlu talba minn Jos Mizzi, dak iż-żmien GSM tal-Marsa Scout Group, biex jiġi jgħinu fil-Group, fejn it-transfer ma kienx faċli għal raġunijiet ovvji li l-Ħamrun riduh jibqa' magħhom.



**Il-Group Scout Leader George Camilleri jmexxi ċ-ċiklisti nhar is-Sibt 16 ta' Novembru 1958 f'Baħar iċ-Ċagħak.**

Hawn hu ġie fdat bit-tmexxija tat-Troop fejn għaddew bosta tfal minn taħt idejh li baqgħu ifaħħruh sal-lum għall-mod li kien jagħtihom dak it-tagħlim, mhux biss ta' Scouting iżda wkoll dak bżonnjuż għall-ħajja ta' kuljum fejn tidħol saħħa, onestà, dixxiplina u anki reliġjon, ħaġa li kienet tispikka ħafna fih. Fl-1958 ġie mogħti t-tmexxija tal-Group bħala GSM, fejn bis-serjetà u bl-għaqal tiegħu ġab lil din il-Group tal-Marsa waħda mill-aħjar, kabbar ukoll il-banda li tant kien iħobb u sar id-*drum major* tagħha. Taħt it-treġija tiegħu

l-banda ppartecipat f'diversi kompetizzjonijiet u kisbet riżultati eċċellenti f'Agrigento Sqallija fejn ġiet it-tielet post u fil-Mellieħa fejn ġiet fl-ewwel post. It-tazzi tagħhom għadna ngħożżuhom fil-vetrina tal-istorja li għandha l-Group fil-Headquarters tagħna. Fl-1998, wara 60 sena fil-Moviment, irtira minn GSL u mill-Group. Madankollu l-Group riedet li jibqa' dejjem qrib tagħha u għalhekk ħatritu GSL Onorarju għal għomru, fejn baqa' jilbes l-uniformi u jattendi anki xi avvenimenti tal-Group bl-aħħar waħda tkun fil-kamp annwali ta' Awwissu 2011 fejn kellu x-xorti li jiltaqa' ma' Mons. Arċisqof li kien qed iżur lill-Group fil-Kamp ġo Marsaxlokk. Dan, min-naħa tiegħu (l-Arċisqof) qallu li għalkemm kienet l-ewwel darba li qed ikellmu, jafu minn wiċċu u dejjem assoċjah mal-Group tal-Iscouts tal-Marsa. Għall-ħidma bla serħan tiegħu fil-Group u fil-Marsa, il-Kunsill Lokali onorah b'Ġieħ il-Marsa.



**Preżentazzjoni tal-Istatwa *Kavallier ta' Malta* lil Sir Charles Maclean, Chief Scout tar-Renju Unit, fl-1964 f'Misraħ G.F. Abela.**

Nispiċċa dan l-apprezzament billi f'isem il-Marsa Scout Group nirringrazzjawh ta' kollox u nagħtu l-kondoljanzi lill-familja kollha tiegħu u nispiċċa bil-kliem tiegħu stess li kien jgħid,"*Ħobbu u aħdmu dejjem għall-Group u għall-Marsa.*"